**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta’ Novembru, 2016

Rikors Nru : 313/16 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz taghha ppremettiet :

Illi l-partijiet żżewwgu nhar it-22 ta’ Diċembru 1990 fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu;

Illi minn dan iż-żwieg huma kellhom żewġt itfal, it-tnejn maġġorenni.

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono fil-15 ta’ Diċembru 2003, kopja ta’ liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata Dok. A.

Illi kif stipulat fil-klawsola numru sitta (6) tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet iddekadew irrevokabilment minn kull dritt ta’ manteniment

fil-konfront ta' xulxin, u għaldaqstant ebda ammont ta' manteniment ma huwa dovut lil xi wieħed mill-partijiet.

Illi l-partijiet ilhom għal dawn l-aħħar tlettax-il sena jgħixu ħajja kompletament independenti minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Illi għalhekk il-partijiet jissodisfaw il-kriterji imposti mill-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iż-żwieg tagħhom jiġi xolt.

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna illi ż-żwieg kuntrattat bejn il-partijiet nhar it-22 ta' Diċembru 1990 jiġi maħlul;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien iffissat minn din l-Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Lulju, 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-15 ta' Dicembru 2003;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.